Nru./No. 19,101
Prezz/Price
€3.24

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 21 ta' Ġunju, 2013
Friday, 21st June, 2013

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 8101 - 8109
Government Notices ..... *8101 - 8109*

Avviżi tal-Pulizija ..... 8109 - 8112
Police Notices ..... *8109 - 8112*

Avviżi lill-Baħħara ..... 8112 - 8114
Notice to Mariners ..... *8112 - 8114*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 8114 - 8115
Employment Opportunities ..... *8114 - 8115*

Avviżi tal-Gvern ..... 8115 - 8118
Notices ..... *8115 - 8118*

Offerti ..... 8118 - 8157
Tenders ..... *8118 - 8157*

Avviżi tal-Qorti ..... 8157 - 8168
Court Notices ..... *8157 - 8168*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 534

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 10 imsejjaħ Att tal-2013 li jemenda l-Att dwar Lotteriji u Logħob Ieħor.

Il-21 ta' Ġunju, 2013

Nru. 535

ASSENJAMENT TA' RESPONSABBILTÀ LILL-MINISTRI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 82 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, approva illi b'seħħ mill-20 ta' Ġunju, 2013, ir-responsabbiltà għal:

(a) Qrati tal-Ġustizzja
Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali
Nutar tal-Gvern

tkun assenjata lill-Prim Ministru;

(b) Trasport Estern titħassar mill-portafoll tal-Ministru għat-Turiżmu;

(ċ) Trasport Intern u Marittimu, u Portijiet tkun assenjata lill-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura; u

(d) Politika u Promozzjoni Marittima tkun assenjata lill-Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar.

L-20 ta' Ġunju, 2013
(COF/502/2013)

GOVERNMENT NOTICES

No. 534

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 10 entitled the Lotteries and Other Games (Amendment) Act, 2013.

21st June, 2013

No. 535

ASSIGNMENT OF RESPONSIBILITIES TO MINISTERS

IN exercise of the powers conferred by article 82 of the Constitution of Malta, the President of Malta, acting in accordance with the advice of the Prime Minister, has approved that, with effect from the 20th June, 2013, responsibility for:

(a) Courts of Justice
Attorney General's Office
Notary to Government

be assigned to the Prime Minister;

(b) External Transport be removed from the portfolio of the Minister for Tourism;

(c) Internal and Maritime Transport, and Ports be assigned to the Minister for Transport and Infrastructure; and

(d) Maritime Policy and Promotion be assigned to the Minister for the Economy, Investment and Small Business.

20th June, 2013

Nru. 536

ATT DWAR ID-DELEGA TA' FUNZJONIJIET MINN MINISTRI (KAP. 324)

Delega ta' Funzjonijiet mill-Prim Ministru

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 tal-Att dwar id-Delega ta' Funzjonijiet minn Ministri (Kap. 324, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ 'l-Att') l-Onor. Dott. Joseph Muscat, K.U.O.M., B.Com., B.A. (Hons.), M.A. (European Studies), Ph.D (Bristol), M.P., Prim Ministru bi strument ta' delega taħt il-firma tiegħu tal-20 ta' Ġunju, 2013 iddelega l-funzjonijiet kollha li bis-saħħa tal-kariga tiegħu ta' Prim Ministru u limitatament fil-kwalità tiegħu ta' Ministru responsabbli għall-Ġustizzja huma mogħtija lilu b'xi jew taħt xi liġi, lis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Dott. Owen Bonnici, B.A., LL.D., M.P., li huwa s-Segretarju Parlamentari għall-Ġustizzja fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru u li huwa maħtur biex jassistih fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu.

Din id-delega saret mingħajr preġudizzju għat-twettiq ta' dawk il-funzjonijiet mill-Prim Ministru u dan skont is-subartikolu (2) tal-Artikolu 3 tal-Att.

Is-Segretarju Parlamentari għall-Ġustizzja jista' wkoll iħarrek jew jiġi mħarrek dwar kull funzjoni hekk delegata lilu u jista' jkompli kull proċediment legali li jkun inbeda għar-rigward ta' dawk il-funzjonijiet qabel id-data tad-delega u dan skont l-Artikolu 5 tal-Att.

L-20 ta' Ġunju, 2013

No. 536

MINISTERS (DELEGATION OF FUNCTIONS) ACT (CAP. 324)

Delegation of Functions by the Prime Minister

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by article 3 of the Ministers (Delegation of Functions) Act (Cap. 324, hereinafter referred to as 'the Act') the Hon. Dr Joseph Muscat, K.U.O.M., B.Com., B.A. (Hons.), M.A. (European Studies), Ph.D (Bristol), M.P., Prime Minister has by virtue of an instrument of delegation under his signature of the 20th June, 2013 delegated all functions which by virtue of his Ministerial office and only in his capacity as Minister responsible for Justice are conferred upon him by or under any law, to Parliamentary Secretary the Hon. Dr Owen Bonnici, B.A., LL.D., M.P., who is the Parliamentary Secretary for Justice in the Office of the Prime Minister and who is appointed to assist him in the execution of his duties.

The said delegation has been made without prejudice to the exercise of the said functions by the Prime Minister in terms of sub-article (2) of Article 3 of the Act.

The Parliamentary Secretary for Justice may sue or be sued in respect of any functions delegated to him and may continue and legal proceedings commenced in respect of those functions before the date when the delegation was made, in terms of Article 5 of the Act.

20th June, 2013

Nru. 537

AĠENT PRIM MINISTRU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulhadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Louis Grech, B.A, M.A. (Oxon), M.P., Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Ewropej u t-Twettiq tal-Manifest Elettorali, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru, il-Ġimgħa, il-21 ta' Ġunju, 2013, matul l-assenza tal-Onor. Joseph Muscat, K.U.O.M, B.Com., B.A. (Hons.), M.A.(European Studies), Ph.D (Bristol), M.P.

Il-21 ta' Ġunju, 2013
(OPM/ 81/2013)

No. 537

ACTING PRIME MINISTER

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister, the President of Malta has directed that the Hon. Louis Grech, B.A., M.A.(Oxon.), M.P., Deputy Prime Minister and Minister for European Affairs and Implementation of the Electoral Manifesto, assumes the additional duties of the Prime Minister, on Friday, 21st June, 2013, during the absence of the Hon. Joseph Muscat, K.U.O.M., B.Com., B.A. (Hons.), M.A. (European Studies), Ph.D (Bristol), M.P.

21st June, 2013

Nru. 538

ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

Ħatra tal-Bord tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (B)

SKONT l-Artikolu 40 (2) tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Kap. 504), il- President ta' Malta ħatar il-Bord tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (B) b'seħħ mis-6 ta' Ġunju, 2013. Il-Bord tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (B) imwaqqaf taħt u skont l-Att hawn fuq imsemmi, ikun magħmul kif jidher hawn taħt:-

Chairperson
Is-Sur Martin Saliba, B.A. (Hons,), M.A. (Town & Country Planning U.K.)

Membri
Dott. Simon Micallef Stafrace, LL.D.
Il-Perit Robert Sarsero, B.E.&A (Hons), A&C.E.

Membri Sostituti
Il-Perit Ludovico Micallef, B.E.&A. (Hons), A&C.E.
Dott. Andy Ellul, LL.D.
Il-Perit Claude Mallia, B.E.&A. (Hons), A&C.E.

Dawn il-ħatriet huma għal perjodu ta' erba' (4) snin b'seħħ mis-6 ta' Ġunju, 2013.

Il-21 ta' Ġunju, 2013

No. 538

ENVIRONMENT AND DEVELOPMENT PLANNING ACT (CAP. 504)

Appointment of the Environment and Planning Review Tribunal (B)

IN terms of Article 40 (2) of the Environment and Development Planning Act (Cap. 504), the President of Malta has appointment the Environment and Planning Review Tribunal (B) with effect from 6th June, 2013. The Environment and Planning Review Tribunal established by and under the aforesaid Act, is composed as follows:-

Chairperson
Mr Martin Saliba, B.A. (Hons,), M.A. (Town & Country Planning U.K.)

Members
Dr Simon Micallef Stafrace, LL.D.
Perit Robert Sarsero, B.E.&A (Hons), A&C.E.

Substitute Members
Perit Ludovico Micallef, B.E.&A. (Hons), A&C.E
Dr Andy Ellul, LL.D.
Perit Claude Mallia, B.E.&A. (Hons), A&C.E

These appointments are for a period of four (4) years as from 6th June, 2013.

21st June, 2013

Nru. 539

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (KUMMERĊ)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATI *DATES*
Mr Noel Bartolo	Direttur Ġenerali *Director General*	Kummerċ *Commerce*	16 - 28.6.2013

Il-21 ta' Ġunju, 2013

No. 539

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (COMMERCE)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Economy, Investment and Small Business has approved the following acting appointment:–

21st June, 2013

Nru. 540

ĦATRA TA' AĠENT UFFIĊJAL MEDIKU EWLIENI

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għas-Saħħa approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 540

APPOINTMENT OF ACTING CHIEF MEDICAL OFFICER

THE Permanent Secretary in the Ministry for Health has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATI *DATES*
Dr Denis Vella Baldacchino	Uffiċjal Mediku Ewlieni *Chief Medical Officer*	Saħħa *Health*	1 - 5.7.2013

It-18 ta' Ġunju, 2013

18th June, 2013

Nru. 541

ĦATRA TA' AĠENT SUPRINTENDENT TAS-SAĦĦA PUBBLIKA

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għas-Saħħa approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 541

APPOINTMENT OF ACTING SUPERINTENDENT OF PUBLIC HEALTH

THE Permanent Secretary in the Ministry for Health has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATI *DATES*
Dr Charmaine Gauci	Suprintendent tas-Saħħa Pubblika *Superintendent of Public Health*	Saħħa *Health*	3 - 5.7.2013
Dr Miriam Azzopardi	Suprintendent tas-Saħħa Pubblika *Superintendent of Public Health*	Saħħa *Health*	22.7 - 18.8.2013

Il-21 ta' Ġunju, 2013

21st June, 2013

Nru. 542

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (DWANA)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Finanzi approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 542

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CUSTOMS)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Finance has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATI *DATES*
Mr Paul Bonello	Direttur Ġenerali *Director General*	Dwana *Customs*	26 – 29.06.13

Il-21 ta' Ġunju, 2013

21st June, 2013

Nru. 543

MALTA STOCK EXCHANGE PLC
MSE (HOLDINGS) LTD
CSD (MALTA) PLC

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 7 tal-Memorandum u l-Artikoli tal-Assoċjazzjoni tal-Borża ta' Malta plc., il-Ministru għall-Finanzi għamel dawn il-ħatriet:

Chairman
Is-Sur Paul J Spiteri, FCIB, CdipAF

Diretturi
Prof. Daniel Darmanin, MSC, FSCA, FIA, CPA, Dip Ed
Is-Sur Carm Galea, BSc Spec (Lond), MSc (Soton)
Is-Sur Joseph Azzopardi, FCCA, FIA, CPA, MBA (Warwick)
Is-Sur Joseph Portelli, BA (Hons)

Dawn il-ħatriet jibqgħu fis-seħħ sat-22 ta'April, 2014.

Id-19 ta' Ġunju, 2013

No. 543

MALTA STOCK EXCHANGE PLC
MSE (HOLDINGS) LTD
CSD (MALTA) PLC

IT is notified for general information that in exercise of the power conferred by Article 7 of the Memorandum and Articles of Association of Malta Stock Exchange plc., the Minister for Finance has made the following appointments:

Chairman
Mr Paul J Spiteri, FCIB, CdipAF

Directors
Prof. Daniel Darmanin, MSC, FSCA, FIA, CPA, Dip Ed
Mr Carm Galea, BSc Spec (Lond), MSc (Soton)
Mr Joseph Azzopardi, FCCA, FIA, CPA, MBA (Warwick)
Mr Joseph Portelli, BA (Hons)

These appointments remain in force until 22nd April, 2014.

19th June, 2013

Nru. 544

BORD TA' REVIŻJONI DWAR KUNTRATTI PUBBLIĊI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-Artikolu 34 (1) tar-Regolamenti tal-2010 dwar il-Kuntratti Pubbliċi, il-Ministru għall-Finanzi għoġbu jaħtar il-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi kif ġej:

Chairman
Dott. Anthony J Cassar, PhD, FCMA, FIA, CPA

Membri
Dott. Charles Cassar, PhD, ECP (*Chairman* Sostitut f'każ ta' bżonn)
Is-Sur Richard Matrenza, DPE (Oxon), FRES

Membru Sostitut
Is-Sur Lawrence Anċilleri, BA, MA

Segretarju
Is-Sur Carmel Esposito, BA, MA

Dawn il-ħatriet huma għal perjodu ta' tliet snin sal-1 ta' Ġunju 2016.

Id-19 ta' Ġunju, 2013

No. 544

PUBLIC CONTRACTS REVIEW BOARD

IT is notified for general information that, in exercise of the powers conferred by Article 34(1) of the Public Procurement Regulations 2010, the Minister for Finance has appointed the Public Contracts Review Board as follows:

Chairman
Dr Anthony J Cassar, PhD, FCMA, FIA, CPA

Members
Dr Charles Cassar, PhD, ECP (Substitute Chairman when necessary)
Mr Richard Matrenza, DPE (Oxon), FRES

Subsitute Member
Mr Lawrence Ancilleri, BA, MA

Secretary
Mr Carmel Esposito, BA, MA

These appointments are valid for three years up to the 1st June 2016.

19th June, 2013

Nru. 545

ATT DWAR L-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR (KAP. 378)

Ħatra tal-Kunsill għall-Affarijiet tal-Konsumatur

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 4 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Ministru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili ħatret il-Kunsill għall-Affarijiet tal-Konsumatur kif ġej:

Chairperson
Is-Sur Martin Seychell

Viċi Chairperson
Is-Sinj. Matilde Cordina

Membri
Is-Sur Vince Piscopo
Is-Sur Joseph Schembri
Is-Sinj. Angela Azzopardi
Is-Sur Renè Monseigneur

Dawn il-ħatriet huma validi għal perjodu ta' tliet snin, b'seħħ mis-17 ta' Ġunju, 2013.

Il-21 ta' Ġunju, 2013

No. 545

CONSUMER AFFAIRS ACT (CAP. 378)

Appointment of the Consumer Affairs Council

IN exercise of the powers conferred by Article 4 of the Consumer Affairs Act, and for the purpose of that Act, the Minister for Social Dialogue, Consumer Affairs and Civil Liberties has appointed the members of the Consumer Affairs Council as follows:

Chairperson
Mr Martin Seychell

Deputy Chairperson
Ms Matilde Cordina

Members
Mr Vince Piscopo
Mr Joseph Schembri
Ms Angela Azzopardi
Mr Renè Monseigneur

These appointments are valid for a period of three years, with effect from 17th June, 2013.

21st June, 2013

Nru. 546

WARRANT MILL-MINISTRU GĦALL-INTERN U S-SIGURTÀ NAZZJONALI

NGĦARRFU illi, bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu (3) tal-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'Setgħa li jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali ħatar bħala Kummissjunarji bis-Setgħa li Jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, u jew għall-perjodu indikat fl-istess ħatra, liema minnhom tiġi l-ewwel, lill-imsemmija hawn taħt:

Pulizija
Supt. Lawrence Cutajar
Supt. Raymond D'Anastas
Supt. Stephen J. Gatt
Supt. Antonello Grech
Supt. Martin Sammut
Supt. Raymond Vella Gregory

No. 546

WARRANT BY THE MINISTER FOR HOME AFFAIRS AND NATIONAL SECURITY

IT is notified that, in exercise of such powers as provided by Article (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Home Affairs and National Security appointed as Commissioners for Oaths, whilst performing such functions and as long as they continue in that capacity, and/or for the period indicated in the same appointment, whichever is the earlier, the undermentioned:

Police
Supt. Lawrence Cutajar
Supt. Raymond D'Anastas
Supt. Stephen J. Gatt
Supt. Antonello Grech
Supt. Martin Sammut
Supt. Raymond Vella Gregory

Spettur Joseph Agius
Spettur Jesmond J. Borg
Spettur Anthony Cassar
Spettur Kevin J. Farrugia
Spettur Johann J. Fenech
Spettur Ramon Mercieca
Spettur Francis Micallef
Spettur Josric Mifsud
Spettur Daniel Zammit
Spettur Maria Stella Attard
PC 1477 Joseph Galea
WPC 151 Carmen Parnis

Ministeru għall-Affarijiet Barranin
Snja. Christianne Caruana
Sur Christopher Grima
Snja. Kerstin Spiteri
Sur Joseph Zammit Tabona

Qrati tal-Ġustizzja
Dott. Yvette Borg LL.D.

Dipartiment tal-VAT
Sur Joseph Attard
Sur Robert Borg
Sur Carmel Casaletto
Sur John Cassar
Sur Jonathan Fenech
Sur Lawrence Gatt
Snja. Joanne Hefny
Snja. Mariella Orlando
Snja. Christine Schembri
Snja. Mary Anne Schembri
Sur Roderic Sultana
Sur Roderick Zammit Randich

Dipartiment Affarijiet ta'Ċittadinanza u Nies Barranin
Snja. Roberta Gatt
Snja. Mariella Grech
Snja. Maria Dolores Portelli

Inspector Joseph Agius
Inspector Jesmond J. Borg
Inspector Anthony Cassar
Inspector Kevin J. Farrugia
Inspector Johann J. Fenech
Inspector Ramon Mercieca
Inspector Francis Micallef
Inspector Josric Mifsud
Inspector Daniel Zammit
Inspector Maria Stella Attard
PC 1477 Joseph Galea
WPC 151 Carmen Parnis

Ministry of Foreign Affairs
Ms Christianne Caruana
Mr Christopher Grima
Ms Kerstin Spiteri
Mr Joseph Zammit Tabona

Courts of Justice
Dr Yvette Borg LL.D.

VAT Department
Mr Joseph Attard
Mr Robert Borg
Mr Carmel Casaletto
Mr John Cassar
Mr Jonathan Fenech
Mr Lawrence Gatt
Ms Joanne Hefny
Ms Mariella Orlando
Ms Christine Schembri
Ms Mary Anne Schembri
Mr Roderic Sultana
Mr Roderick Zammit Randich

Department of Citizenship and Expatriate Affairs
Ms Roberta Gatt
Ms Mariella Grech
Ms Maria Dolores Portelli

B'Awtorità
EMMANUEL MALLIA
Ministru għall-Intern
u s-Sigurtà Nazzjonali

By Authority
EMMANUEL MALLIA
Minister for Home Affairs
and National Security

Il-21 ta' Ġunju, 2013

21st June, 2013

(MJDF/144/2013/1)

Nru. 547

ATT DWAR IL-*CONDOMINIA*
(Kap. 398)

B'DIN qed ngħarraf li jiena rċevejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' u/jew emendi tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija *condominia:-*

Nru. tal-Condominium *Condominium Number*	Indirizz tal-Condominium *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
890	Block 10, 'Pendergardens' Triq Ivo Muscat Azzopardi, San Ġiljan.	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	13/6/2013
891	Block 15, 'Pendergardens' Triq Ivo Muscat Azzopardi, San Ġiljan.	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	13/6/2013
892	Block 14, 'Pendergardens' Triq Ivo Muscat Azzopardi, San Ġiljan.	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	13/6/2013
893	Block 13, 'Pendergardens' Triq Ivo Muscat Azzopardi, San Ġiljan.	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	13/6/2013
894	Block 12, 'Pendergardens' Triq Ivo Muscat Azzopardi, San Ġiljan.	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	13/6/2013
895	Block 11, 'Pendergardens' Triq Ivo Muscat Azzopardi, San Ġiljan.	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	13/6/2013
896	Car parks Residenzjali, 'Pendergardens' Triq Ivo Muscat Azzopardi, San Ġiljan.	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	13/6/2013
897	'Helmsley Court' Triq Ħal Warda, Ħ'Attard	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	4/6/2013

Dott. Keith Francis German, LL.D.
Reġistratur tal-Artijiet

Il-21 ta' Ġunju, 2013

No. 547

CONDOMINIUM ACT
(Cap. 398)

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of and/or amendment to rules regulating the following condominia:-

Dr Keith Francis German, LL.D.
Land Registrar

21st June, 2013

Nru. 548

ATT- DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (Kap. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat in-Nutar Loredana Micallef bħala Nutar Delegat/Konservatur tal-Atti tan-Nutar John Debono, sakemm dan ikun nieqes minn dawn il-Gżejjer mis-16 ta' Ġunju, 2013 sat-23 ta' Ġunju, 2013.

Illum, 18 ta' Ġunju, 2013

MARY JOSETTE MUSÙ
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali Ċivili

No. 548

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (Cap. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by Article 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Loredana Micallef, to be Notary Delegate/Keeper of the Acts for Notary John Debono, during the latter's absence from these Islands from the 16th June, 2013 till the 23rd June, 2013.

This day, 18th June, 2013.

MARY JOSETTE MUSÙ
For the Registrar Civil Courts and Civil Tribunals

Nru. 549

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda, ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:-

No. 549

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:-

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver Grams*
21. 06. 13	€33.054	€0.545

Il-21 ta' Ġunju, 2013

21st June, 2013

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 73

Bis-saħħa tal-artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati.

Ħal Kirkop

Nhar il-Ħadd, is-7 ta' Lulju, 2013 mid-9.30 a.m. sas-1.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Parroċċa, il-Kbira, il-Belt Valletta, San Pietru, Salvo Sacco, Santu Rokku u Kirkop.

POLICE NOTICE

No. 73

In virtue of article 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the date and times indicated.

Ħal Kirkop

On Friday, 7th July, 2013 from 9.30 a.m. till 1.30 p.m. through the following streets: il-Parroċċa, il-Kbira, il-Belt Valletta, San Pietru, Salvo Sacco, Santu Rokku and Kirkop.

Nhar l-Erbgħa, l-10 ta' Lulju, 2013 mis-7.30 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Parroċċa, San Leonardu, il-Kbira, Il-Belt Valletta, Danny Cremona, San Pietru, Karlu Darmanin, San Remiġ, il-Fieres, L-Imdina, San Ġużepp, San Benedettu u Pjazza Ħal Kirkop.

Nhar il-Ħamis, il-11 ta' Lulju, 2013, mis-7.30 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Parroċċa, Santu Rokku, Salvu Sacco, San Pietru, Il-Belt Valletta, San Nikola, il-Lewżiet, l-Artillerija, l-Infanterija, San Benedettu u Pjazza Ħal Kirkop.

Nhar il-Ġimgħa, it-12 ta' Lulju, 2013, mis-7.30 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Parroċċa, San Leonardu, San Benedettu, San Ġużepp, il-Fieres, San Pietru, il-Kbira, Misraħ San Anard, Santu Rokku u Misraħ Ħal Kirkop.

Nhar is-Sibt, it-13 ta' Lulju, 2013, mis-7.30 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Il-Kbira, Pjazza Ħal Kirkop, Parroċċa, San Nikola, Il-Belt Valletta, San Pietru, San Benedettu u Santu Rokku.

Nhar il-Ħadd, l-14 ta' Lulju, 2013, minn nofsinhar 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Santu Rokku, San Benedettu, San Ġużepp, San Pietru, Il-Belt Valletta, San Nikola, Nejder, il-Kbira, San Leonardu, Pjazza Ħal Kirkop u l-Parroċċa.

Mill-Ħadd, it-30 ta' Ġunju, 2013 sal-Ġimgħa, id-19 ta' Lulju, 2013 mit-toroq li ġejjin: il-Kbira, Pjazza San Leonardu, il-Parroċċa, Pjazza San Benedettu u San Nikola.

Ħadd ma jista' jipparkja fit-toroq imsemmija hawn fuq u vetturi misjuba pparkjati hemm jiġu rmunkati.

Ħal Balzan

Nhar it-Tnejn it-8 ta' Lulju 2013, mit-8.00 p.m. sal-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Triq l-Għerusija, Triq Antonio Bosio, Triq Dun Ġwann Żammit Hammett, Triq Sir Antonio Micallef, Triq Balaguer, Triq Zekkuk, Triq Santa Marija, Triq il-Kbira u Pjazza Bertu Fenech.

Nhar il-Ħamis, il-11 ta' Lulju, 2013, mit-7.45 p.m. sal-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Triq Il-Papa Alessandru, Triq Valent Muscat u Triq il-Kbira.

Nhar il-Ġimgħa, it-12 ta' Lulju 2013 mid-9.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Triq il-Pjazza Bertu Fenech, Triq it-Tliet Knejjes, Sqaq Zahra, Triq Balaguer, Triq Antonio Micallef, Il-Wied ta' Ħal Balzan, Triq it-Tabib Żammit u Triq il-Kbira.

Nhar il-Ġimgħa, it-12 ta' Lulju 2013 mid-9.00 p.m. san-00.30 a.m. mit-toroq li ġejjin: Triq il-Kbira, Triq San Valentinu, Triq Sisner, Triq Idmejda u Triq Santa Maria.

Nhar is-Sibt, it-13 ta' Lulju 2013 mis-5.45 p.m. sas-6.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza Bertu Fenech u Triq it-Tliet Knejjes.

On Wednesday, 10th July, 2013 from 7.30 p.m. till 11.30 p.m. through the following streets: Parroċċa, San Leonardu, il-Kbira, Il-Belt Valletta, Danny Cremona, San Pietru, Karlu Darmanin, San Remiġ, il-Fieres, L-Imdina, San Ġużepp, San Benedettu and Pjazza Ħal Kirkop.

On Thursday, 11th July, 2013, from 7.30 p.m till 11.30 p.m. through the following streets: Parroċċa, Santu Rokku, Salvu Sacco, San Pietru, Il-Belt Valletta, San Nikola, Lewżiet, Artillerija, Infanterija, San Benedettu and Pjazza Ħal Kirkop.

On Friday, 12th July, 2013, from 7.30 p.m. onwards through the following streets: Parroċċa, San Leonardu, San Benedettu, San Ġużepp, il-Fieres, San Pietru, il-Kbira, Misraħ San Anard, Santu Rokku and Misraħ Ħal Kirkop.

On Saturday, 13th July 2013, from 7.30 p.m. till 11.30 p.m. through the following streets: Il-Kbira, Pjazza Ħal Kirkop, Parroċċa, San Nikola, Il-Belt Valletta, San Pietru, San Benedettu and Santu Rokku.

On Sunday, 14th July, 2013, from noon onwards through the following streets: Santu Rokku, San Benedettu, San Ġużepp, San Pietru, Il-Belt Valletta, San Nikola, Nejder, il-Kbira, San Leonardu, Pjazza Ħal Kirkop and l-Parroċċa.

From Sunday, 30th June, 2013 to Friday, 19th July, 2013, from through the following streets: il-Kbira, Pjazza San Leonardu, il-Parroċċa, Pjazza San Benedettu and San Nikola.

Parking along the above mentioned streets is prohibited and vehicles found parked there will be towed away.

Ħal Balzan

On Monday, 8th July 2013, from 8.00 p.m. till 11.00 p.m. through the following streets: Triq l-Għerusija, Triq Antonio Bosio, Triq Dun Ġwann Żammit Hammett, Triq Sir Antonio Micallef, Triq Balaguer, Triq Zekkuk, Triq Santa Marija, Triq il-Kbira and Pjazza Bertu Fenech.

On Thursday, 11th July, 2013, from 7.45 p.m. till 11.00 p.m. through the following streets: Triq Il-Papa Alessandru, Triq Valent Muscat and Triq il-Kbira.

On Friday, 12th July, 2013 from 9.00 p.m. till midnight through the following streets: Triq il-Pjazza Bertu Fenech, Triq it-Tliet Knejjes, Sqaq Zahra, Triq Balaguer, Triq Antonio Micallef, Il-Wied ta' Ħal Balzan, Triq it-Tabib Żammit and Triq il-Kbira.

On Friday, 12th July, 2013 from 9.00 p.m. till 00.30 a.m. through the following streets: Triq il-Kbira, Triq San Valentinu, Triq Sisner, Triq Idmejda u Triq Santa Maria.

On Saturday, 13th July, 2013 from 5.45 p.m. tiill 6.30 p.m. through the following streets: Pjazza Bertu Fenech and Triq it-Tliet Knejjes.

Nhar is-Sibt, it-13 ta' Lulju 2013 mit-8.30 p.m. sad-9.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Triq Idmejda, Triq it-Tliet Knejjes, Triq il-Providenza, Triq il-Kbira and Pjazza Bertu Fenech.

Nhar is-Sibt, it-13 ta' Lulju 2013 mit-8.30 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Triq Sigismondo Dimech, Triq l-Annunzjata, Triq il-Kbira u Triq Santa Marija.

Nhar il-Ħadd, l-14 ta' Lulju 2013 mill-10.30 a.m. sas-1.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Triq Idmejda, Pjazza Bertu Fenech, Triq it-Tliet Knejjes, Triq il-Providenza, Triq it-Tabib Żammit, Triq San Franġisk u Triq il-Kbira.

Nhar il-Ħadd, l-14 ta' Lulju 2013 mis-6.30 p.m. sad-9.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Triq il-Kbira, Triq Pjazza Bertu Fenech, Triq it-Tliet Knejjes u Triq il-Providenza.

Nhar il-Ħadd, l-14 ta' Lulju 2013 mis-6.30 p.m. sal-10.30 p.m. minn Triq il-Kbira.

Nhar il-Ħadd, l-14 ta' Lulju 2013 mis-7.30 p.m. il' quddiem mit-toroq li ġejjin: Triq il-Kbira, Triq il-Providenza, Triq Idmejda, Triq Sisner, Triq San Valentinu u Triq Santa Marija.

Nhar il-Ħadd, l-14 ta' Lulju 2013 mid-9.00 p.m. sal-10.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Triq Sisner, Triq San Valentinu, Triq Santa Maria u Triq il-Kbira.

Nhar il-Ħadd, l-14 ta' Lulju 2013 mil-11.00 p.m sa nofsillejl minn Triq il-Kbira u Triq Santa Marija.

Ħadd ma jista' jipparkja fit-toroq imsemmija hawn fuq u vetturi misjuba pparkjati hemm jiġu rmunkati.

Il-21 ta' Ġunju, 2013

On Saturday, 13th July, 2013 from 8.30 p.m. till 9.30 p.m. through the following streets: Triq Idmejda, Triq it-Tliet Knejjes, Triq il-Providenza, Triq il-Kbira and Pjazza Bertu Fenech.

On Saturday, 13th July, 2013 from 8.30 p.m. till 11.30 p.m. through the following streets: Triq Sigismondo Dimech, Triq l-Annunzjata, Triq il-Kbira and Triq Santa Marija.

On Sunday, 14th July, 2013 from 10.30 a.m. till 1.30 p.m. through the following streets: Triq Idmejda, Pjazza Bertu Fenech, Triq it-Tliet Knejjes, Triq il-Providenza, Triq it-Tabib Żammit, Triq San Franġisk and Triq il-Kbira.

On Sunday, 14th July, 2013 from 6.30 p.m.till 9.30 p.m. through the following streets: Triq il-Kbira, Triq Pjazza Bertu Fenech, Triq it-Tliet Knejjes and Triq il-Providenza.

On Sunday, 14th July, 2013 from 6.30 p.m. till 10.30 p.m. through Triq il-Kbira.

On Sunday, 14th July, 2013 from 7.30 p.m. onwards through the following streets: Triq il-Kbira, Triq il-Providenza, Triq Idmejda, Triq Sisner, Triq San Valentinu and Triq Santa Marija.

On Sunday, 14th July, 2013 from 9.00 p.m. till 10.30 p.m. through the following streets: Triq Sisner, Triq San Valentinu, Triq Santa Maria and Triq il-Kbira.

On Sunday, 14th July, 2013 from 11.00 p.m till midnight through Triq il-Kbira and Triq Santa Marija.

Parking along the abovementioned streets is prohibted and vehicles found parked there will be towed away.

21st June, 2013

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 74

Bis-sahha tal-artikolu 93 (1) tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap.10), il-Kummissarju tal-Pulizija jgharraf illi l-vetturi tas-sewqan ma' jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taht fid-dati u ħinijiet indikati.

In-Nadur (Għawdex)

Nhar il-Ġimgħa, it-28 ta' Ġunju 2013 mis-2.00 p.m. sas-6.00 p.m. minn Triq ta' Xhajma.

Ħadd ma jista' jipparkja vetturi fit-toroq imsemmija hawn fuq u dawk misjuba pparkjati hemm jiġu rmunkati.

Il-21 ta' Ġunju, 2013

POLICE NOTICE

No. 74

In Virtue of Article 93 (1) of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended up to the dates and times indicated.

Nadur (Gozo)

On Friday, 28th June 2013, from 2.00 p.m. to 6.00 p.m. through Triq ta' Xhajma.

The parking of vehicles along the above mentioned streets is also prohibited and vehicles found parked there will be towed.

21st June, 2013

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 75

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97, it-toroq hawn taħt imsemmija se jigu klassifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat id-data u l-ħinijiet indikati hawn taħt.

Bis-saħħa tal-artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati.

Il-Belt Valletta/Floriana

Is-Sibt, 22 ta' Ġunju, 2013, mill-4.00 p.m. 'il quddiem, ħadd ma jista' jipparkja fil-parkeġġ fi Triq J.J. Mangion magħruf bħala Tat-Trunċiera, Floriana, u vetturi misjuba pparkjati hemm jiġu rmunkati.

Il-21 ta' Ġunju, 2013

POLICE NOTICE

No. 75

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones on the dates and times indicated hereunder.

In virtue of article 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the date and times indicated.

Valletta/Floriana

On Saturday, 22nd July, 2013, from 4.00 p.m. onwards, the parking area in Triq J.J. Mangion known as Tat-Trunċiera, Floriana, will be closed for parking and vehicles found parked there will be towed away.

21st June, 2013

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 37 tal-2013

Raft rmiġġata fil-Bajja ta' San Ġiljan

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta, jgħarraf li s-St. Julian's Scout Group se jorganizza Camp-A-Float fil-Bajja ta' San Ġiljan, San Ġiljan.

Il-*Camp – A – Float* jikkonsisti f'ċattra kompluta b'tinda bi tnax-il persuna fuqha. Jekk it-temp jippermetti r-*raft* se tkun irmiġġata fil-pożizzjoni "A" indikata fuq iċ-ċart li tinsab duq il-*website* ta' Transport Malta bl-indirizz: (http://www.transport.gov.mt). Ir-*raft* se tkun irmiġġata bejn it-Tnejn, id-29 ta' Lulju, 2013 u t-Tnejn, il-5 ta' Awwissu, 013.

L-inġenji kollha li jbaħħru fil-bajja huma mitluba biex joqogħdu attenti, jgħaddu bilmod ħafna u jżommu 'l bogħod miċ-ċattra.

Chart affettwata: BA 177

Il-21 ta' Ġunju, 2013

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 37 of 2013

Raft moored at St Julian's Bay – St Julian's

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies that the St. Julian's Scout Group will be holding a Camp-A-Float at St. Julian's Bay St. Julian's.

The Camp – A – Float consists of a man made raft complete with a 12 men tent on board. Weather permitting the raft will be moored in the indicated position "A" on the chart indicated on Tansport Malta's website: (http://www.transport.gov.mt). The raft will be moored between Monday, 29th July, 2013 and Monday, 5th August, 2013.

All craft navigating within the bay are requested to keep a sharp lookout, navigate at slow speed and give the raft a wide berth.

Chart affected: BA 177

21st June, 2013

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 38 tal-2013

Dhul ristrett fi French Creek, - Il-Port il-Kbir

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta, jgħarraf lis-sidien tal-bastimenti kollha li b'seħħ immedjat u sakemm joħroġ avviż ieħor ġie stabbilita żona ta' sigurtà ta' 50 metru madwar is-*semisubmersible oil rig* irmiġġat f'Parlatorio Wharf fi French Creek. L-ebda bastiment ma jitħalla jbaħħar f'din iż-żona marija fuq iċ-*chart* li tinsab fuq il-*website* ta' Transport Malta fuq l-indirizz: (http://www.transport.gov.mt).

B'żieda ma' dan, b'seħħ immedjat, ħadd ma jista' jbaħħar fi French Creek, il-Port il-Kbir. Dawk il-bastimenti awtorizzati biss jitħallew ibaħħru f'dawn l-inħawi ristretti.

L-ordnijiet li jingħataw mill-Valletta Port Control (VTS) għandhom jiġu obduti.

Chart affettwata: BA 177

Il-21 ta' Ġunju, 2013

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 38 of 2013

Entry restricted in French Creek – Grand Harbour

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies Masters of all vessels that with immediate effect and until further notice a safety zone of 50 meters has been established around the semisubmersible Oil Rig berthed at Parlatorio Wharf in French Creek. No vessel is allowed to navigate within this sector area shown on chart found on Transport Malta's website: (http://www.transport.gov.mt).

Furthermore with immediate effect, navigation within French Creek, Grand Harbour is prohibited. Only authorized vessels will be allowed to navigate within these restricted areas.

Instructions given by Valletta Port Control (VTS) are to be strictly observed.

Chart affected: BA 177

21st June, 2013

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 18 tal-2013

Survey Siżmiku fin-Nofsinhar ta' Malta

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara illi l-bastiment ta' riċerka Minerva Uno se jkun qed jagħmel *site survey* fin-Nofsinhar ta' Malta.

Jekk jippermetti t-temp is-*survey* huwa skedat li jibda fit-23 ta' Ġunju, 2013 u mistenni li jdum sal-15 ta' Lulju, 2013.

Is-*survey* se jsir bejn il-pożizzjonijiet li ġejjin:

Turn Point	*Latitude (T)*	*Longitude (L)*
1.	034° 32'.96	014° 35'.35
2.	034° 31'.54	014° 48'.80
3.	034° 38'.30	014° 49'.89
4.	034° 48'.65	014° 38'.99
5.	034° 48'.62	014° 30'.28
6	034° 43'.86	014° 23'.78
7	034° 32'.96	014° 35'.35

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 18 of 2013

Seismic Survey in the South of Malta

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta informs mariners that the research vessel Minerva Uno will be carrying out a site survey in the South of Malta.

Weather permitting the survey is scheduled to start on the 23rd June, 2013 and is expected to last until 15th July, 2013.

The Survey will be carried out between the following positions:

Turn Point	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
1.	034° 32'.96	014° 35'.35
2.	034° 31'.54	014° 48'.80
3.	034° 38'.30	014° 49'.89
4.	034° 48'.65	014° 38'.99
5.	034° 48'.62	014° 30'.28
6	034° 43'.86	014° 23'.78
7	034° 32'.96	014° 35'.35

Il-bastiment msemmi hawn fuq se jkun qed jiġbed *seismic cable* twil mil nawtiku.

Il-baħħara huma mitluba biex joqogħdu attenti meta jkunu fil-viċinanzi u li jżommu l-bogħid tal-anqas 2 mili nawtiċi mill-inħawi ta' fejn ikun qed jaħdem il-bastiment ta' riċerka Minerva Uno.

Charts affettwati: 4301, 4302

Il-21 ta' Ġunju, 2013

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post Residenti Akkademiku (TR4) fil-Bijokimika Klinika, Dipartiment tax-Xjenza Bijomedika Applikata

Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa

Jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-post Residenti Akkademiku (TR4) fid-Dipartiment tax-Xjenza Bijomedika Applikata fil-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa tal-Università ta' Malta. Il-ħatra tkun fuq bażi indefinita, soġġetta għal perjodu ta' sena ta' prova, sal-età statutorja tal-irtirar.

Min jinħatar ikun mistenni li jiddedika erba' sessjonijiet fil-ġimgħa għat-tagħlim, riċerka, amministrazzjoni u attivitajiet oħra tad-Dipartiment tax-Xjenza Bijomedika Applikata fil-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa, u kif ikun meħtieġ mill-Università.

Il-kandidati irid ikollhom Ph.D. jew dottorat ekwivalenti ibbażata fuq ir-riċerka fil-Bijokimika Klinika jew suġġett relatat. Importanza xierqa tingħata lill-kandidati li jkollhom esperjenza fit-tagħlim u fir-riċerka.

Ir-*Resident Academic Stream* hija magħmula minn erba' gradi, li huma l-Professur, Professur Assoċjat, Lettur Anzjan u l-Lettur. Il-grad tal-Lettur jew ogħla tingħata lil dawk il-persuni li għandhom il-Ph.D. jew dottorat ekwivalenti bbażata fuq ir-riċerka bi gwidi stretti stabbiliti mill-Università.

Is-salarji marbuta għall-2013 marbuta ma' dawn il-gradi fir-*Resident Academic Stream* f'livell TR4 huma kif ġej:

Professur €16,980 flimkien ma' *Academic Supplement* ta' €11,828 u *Professorial Allowance* ta' €924

Professur Assoċjat €15,586 flimkien ma' *Academic Supplement* ta' €9,062 u *Professorial Allowance* ta' €564

Lettur Anzjan €14,110 flimkien ma' *Academic Supplement* ta' €6,483

Lettur €11,590 b'żidiet annwali ta' €282 sa €12,436 flimkien ma' *Academic Supplement* ta' €5,333

The abovementioned vessel will be towing a seismic cable 1 nautical mile long.

Mariners are instructed to navigate with caution when in the vicinity and to keep as a minimum 2 nautical miles away from the research vessel Minerva Uno's working area.

Charts affected: 4301, 4302

21st June, 2013

UNIVERSITY OF MALTA

Resident Academic Post (TR4) in the Clinical Biochemistry, Department of Applied Biomedical Science

Faculty of Health Sciences

Applications are invited for a Resident Academic Post (TR4) in the Department of Applied Biomedical Science within the Faculty of Health Sciences of the University of Malta. The appointment will be on an indefinite basis, subject to a one-year probationary period, up to statutory retirement age.

The appointee will be required to devote four sessions per week to the teaching, research and other activities of the Department of Applied Biomedical Science within the Faculty of Health Sciences, and as may be required by the University.

Candidates must be in possession of a Ph.D. or equivalent research based doctorate in Clinical Biochemistry or a related subject. Due importance will be given to candidates having teaching and research experience.

The Resident Academic Stream is composed of four grades, being Professor, Associate Professor, Senior Lecturer and Lecturer. Entry into the grade of Lecturer or above shall only be open to persons in possession of a Ph.D. or an equivalent research based doctorate within strict guidelines established by the University.

The annual salary for 2013 attached to the respective grades in the Resident Academic Stream at TR4 level is as follows:

Professor €16,980 plus an Academic Supplement of €11,828 and a Professorial Allowance of €924

Associate Professor €15,586 plus an Academic Supplement of €9,062 and a Professorial Allowance of €564

Senior Lecturer €14,110 plus an Academic Supplement of €6,483

Lecturer €11,590 with an annual increment of €282 to €12,436 plus an Academic Supplement of €5,333

L-Università ta' Malta tipprovdi lill-istaff akkademiku b'riżorsi finanzjarji mill-*Academic Resources Fund* biex jgħin l-iżvilupp professjonali u biex jipprovdi l-għodda u r-riżorsi meħtieġa mill-istaff akkademiku biex jissodisfa t-tagħlim u l-impenn tar-riċerka fi ħdan l-Università.

L-Università ta' Malta tista' taħtar kandidati ppromettenti u eċċezzjonali fi grad ta' Assistent Lettur, jekk ikunu lesti li jġibu l-kwalifiki neċessarji biex jidħlu fir-*Resident Academic Stream*. Dawn il-kandidati jkunu jew ġabu riżultati eċċezzjonali fil-livell tal-*undergraduate*, jew ikollhom diġà kwalifika fil-*Masters,* jew inkella jkunu diġà fil-pussess jew fil-proċess li jkollhom il-PhD.

Assistent Lettur bil-*Masters* €10,810 b'żidiet annwali ta' €262 sa €11,596 flimkien ma' *Academic Supplement* ta' €1,891

Assistent Lettur €10,061 b'żidiet annwali ta' €234 sa €10,763 flimkien ma' *Academic Supplement* ta' €1,799.

Il-kandidati għandhom jibagħtu l-ittra tal-applikazzjoni b'*e-mail:* (recruitment.hrmd@um.edu.mt) flimkien ma' kopja tal-*curriculum vitae*, kopja waħda ta' ċertifikati u isimijiet u indirizzia (jew *e-mails*) ta' tliet *referees*.

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tlieta, it-2 ta' Lulju, 2013.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Kamra 214, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website*: (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies).

Il-21 ta' Ġunju, 2013

MINISTERU GĦALL-FINANZI

Pożizzjoni ta' Manager (*Cash and Banking Operations*) u *Manager* (*Verifications*) fid-Dipartiment tat-Teżor fil-Ministeru għall-Finanzi

Ngħarrfu għall-informazzjoni ta' kulħadd illi Paragrafu 9 tas-sejħa għall-applikazzjonijiet għall-Pożizzjoni ta' *Manager (Cash and Banking Operations)* u *Manager (Verifications)* fid-Dipartiment tat-Teżor, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-31 ta' Mejju 2013, għandu jinqara kif ġej:

Dispożizzjonijiet ġenerali oħra

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:

kundizzjonijiet applikabbli oħrajn;

The University of Malta will provide academic staff with financial resources through the Academic Resources Fund to support continuous professional development and to provide the tools and resources required by an academic to adequately fulfil the teaching and academic research commitments within the University.

The University of Malta may also appoint promising and exceptional candidates into the grade of Assistant Lecturer, provided that they are committed to obtain the necessary qualifications to enter the Resident Academic Stream. Such candidates will either have achieved exceptional results at undergraduate level, be already in possession of a Masters qualification, or would have been accepted for or already in the process of achieving their PhD.

Assistant Lecturer with Masters €10,810 with an annual increment of €262 to €11,596 and an Academic Supplement of €1,891

Assistant Lecturer €10,061 with an annual increment of €234 to €10,763 and an Academic Supplement of €1,799.

Applicants should submit their letter of application by e-mail to: (recruitment.hrmd@um.edu.mt) together with a copy of their curriculum vitae, one set of copies of their certificates and the names and addresses (or e-mails) of three referees.

Applications should be received by noon of Tuesday, 2nd July, 2013.

Late applications will not be considered.

Further information may be obtained from the Office for Human Resources Management and Development, Administration Building, Room 214, or from the website: (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacanies).

21st June, 2013

MINISTRY FOR FINANCE

Position of Manager (Cash and Banking Operations) and Manager (Verifications) in the Treasury Department in the Ministry for Finance

It is notified for general information that Paragraph 9 in the call for applications for Position of Manager (Cash and Banking Operations) and Manager (Verifications) in the Treasury Department, published in the Government Gazette of the 31st May, 2013, should read as follows:

Other general provisions

9. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

other applicable conditions;

bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilità;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;

pubblikazzjoni tar-riżultat;

il-proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

eżami mediku;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;

żamma ta' dokumenti.

jinsabu fis-sit elettroniku tad-Direttorat tar-*Resourcing*, Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika fl-indirizz: (http://www.pahro.gov.mt/file.aspx?f=371) jew jinkisbu mit-Taqsima tal-Human Resources, Ministeru għall-Finanzi, 30 Maison Demandols, Triq Nofsinhar, Il-Belt Valletta VLT 2000. Dawn il-provvedimenti ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Għall-fini ta' paragrafu 6.2 tal-Provvedimenti Ġenerali ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, in-numru tal-*fax* tad-Dipartiment huwa: +356 2125 1356 filwaqt li l-indirizz tal-*email* huwa: (human-resources.mfin@gov.mt).

Il-21 ta' Ġunju, 2013

reasonable accommodation for registered persons with disability;

the submission of recognition statements in respect of qualifications;

the publication of the result;

the process for the submission of petitions concerning the result;

medical examination;

access to application forms and related details;

retention of documents

may be viewed by accessing the website of the Public Administration HR Office at the address: (http://www.pahro.gov.mt/file.aspx?f=371) or may be obtained from the Human Resources Section, Ministry for Finance, 30 Maison Demandols, Triq Nofsinhar, Valletta VLT2000. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

For the purpose of paragraph 6.2 of the General Provisions of this call for applications, the fax number of the receiving Department is +356 2125 1356 and the e-mail address is: (human-resources.mfin@gov.mt).

21st June, 2013

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Avviż

Bis-saħħa tar-regolament 90 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu illi l-kandidat nominat skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 89 tal-iskeda msemmija hawn fuq, għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għal-Lokalità ta' Ħad-Dingli huwa dan li ġej, jiġifieri:

Kandidat Nominat

CAMILLERI JOHN

Il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu wkoll illi huma se jibdew jeżaminaw il-poloz tas-Sur Paul Sammut għal-Lokalità ta' Ħad-Dingli, skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 91 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), nhar it-Tnejn, l-24 ta' Ġunju, 2013 f'nofsinhar fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali, Evans Building, Misraħ Sant'Jiermu, Il-Belt Valletta.

SALV. GAUCI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

Il-21 ta' Ġunju, 2013

LOCAL COUNCILS ACT
(CAP. 363)

Notice

By virtue of regulation 90 of the Third Schedule of the Local Councils Act (Cap. 363), the Electoral Commissioners hereby notify that the candidate nominated in accordance with the provisions of regulation 89 of the aforesaid schedule for the casual election of a Councillor for the Locality of Ħad-Dingli is the following that is:

Nominated Candidate

CAMILLERI JOHN

The Electoral Commissioners further notify that they will proceed to examine the ballot papers of Mr Paul Sammut for the Locality of Ħad-Dingli, in accordance with the provisions of regulation 91 of the Third Schedule of the Local Councils Act (Cap. 363), on Monday, 24th June, 2013 at noon at the Electoral Office, Evans Building, St. Elmo Square, Il-Belt Valletta.

SALV. GAUCI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Il-Belt Valletta.

21st June, 2013

KUNSILL LOKALI ĦAL QORMI

Sospensjoni tat-Traffiku

Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi jgħarraf li fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Ġorġ 2013, dawn it-toroq se jkunu magħluqa għat-traffiku kif indikat:

Il-Ħamis, 27 ta' Ġunju 2103, minn nofsinhar 'il quddiem Triq il-Mitħna, lejn Pjazza San Franġisk u mill-4.00 p.m. 'il quddiem Triq il-Wied fid-direzzjoni lejn Triq il-Mithna (bejn Triq l-Għadira u Triq il-Mitħna)

Il-Ġimgħa, 28 ta' Ġunju 2013, bejn l-4.00 p.m. u nofsillejl, parti minn Triq il-Vitorja, minn Triq Alexandra sa Triq Ġużè Ellul Mercer u Triq Tal-Ħlas, minn Triq Cappadocia sa Triq is-Sagħtar, se jkunu magħluqa għat-traffiku kollu.

Ħadd ma jista' jipparkja mas-*Central Strip* ta' Triq il-Vitorja li tagħti għal Triq Tal-Ħlas, Triq Cappadocia u Triq id-Dragun.

